MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1214/2002/1

**Mariano Camilleri**

**Vs**

**Claudine Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm1,500 (elf u hames mitt lira maltin) bhala hlas ghal danni kkawzati fuq vettura:**

**"Thallas is-somma ta'elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tal-attur meta fil-15 ta' April, 2002 fit-Telgha tal-Ghaqba, limiti tan-Naxxar, il-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABI 914 tal-marka Toyota Corsa, habtet fil-vettura bin-**

**numru ta' registrazzjoni NJM 023 tal-marka Ford Escort propjeta' tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.**

**Bl-ispejjes, inkluz tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni."**

**Ra r-risposta:**

**"Illi l-incident mertu tal-avviz odjern sehh unikament minhabba htijiet imputabli lil iben l-attur li kien qed isuq il-vettura ta' l-istess bin-numru NYM 023 b'manjiera traskurata, negligenti u b'nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Illi kontestwalment ma' din ir-risposta, l-eccipjenti, ntavolat avviz ta' talba fil-konfront ta' Christopher Camilleri, fejn l-esponenti talbet id-danni li hija sofriet kawza tal-incident de gia.**

**Salv eccezzjonijiet ohra."**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra:**

**Illi tezisti divergenza fil-versjoni moghtija mix-xufier tal-vettura tal-attur 'a tempo vergine' lis-surgent tal-pulizija u dik moghtija seduta stante. Anzi saret enfasi li fil-perjodu ta' wara l-incident, wara l-intervent ta' missier ossia l-odjern attur, l-istess xufier ipprova jaltera bl-aktar mod grossolan il-verzjoni tieghu. Dana gie konfermat mill-istess surgent tal-pulizija, li pero irrifjuta li jaghmel dan. Kontrarjament ghal dak minnu allegat, ma deherx stordut u wisq anqas konfuz.**

**Jirrizulta lit-Tribunal li huwa verosimili ghall-ahhar li l-incident hekk kif riportat minn Christopher Camilleri fir-rapport tal-pulizija ossia okkorrenza. Dana huwa**

**konfermat ukoll mill-istess konvenuta li baqghet issostni l-verzjoni tal-fatti sia dakinhar tal-incident u sia meta tat ix-xhieda taghha u giet kontro-ezaminata. Taghmel sens is-sekwenza tal-fatti kif maqbula mix-xufiera dak il-hin tal-incident.**

**Hija l-ferma opinjoni tat-Tribunal li l-velocita eccessiva nkonsiljabbli ghall-ahhar ta' Camilleri fin-nizla u f'kisra gieghlitu jitlef il-kontroll, laqat il-konvenuta u spicca jidhol go hajt u jispicca f'ghalqa. Li kieku kienet veru l-allegazzjoni tieghu li kienet il-konvenuta li dahlet go fih, ma kienx jissuciedi s-sekwenza tal-fatti bir-rizultanti danni.**

**It-Tribunal ma jirrileva l-ebda tort ghal liema kienet tahti l-konvenuta u/jew b'xi mod jew iehor tikkontribwixxi ghall-incident 'de quo'! Ghall-incident ghandhu jirrispondi unikament l-istess xufier tal-vettura tal-attur.**

**Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------